

Brussell, 17 ta' Jannar 2025  
(OR. en)

5166/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0329(NLE)

---

---

VISA 4  
COEST 9  
FREMP 6

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	17126/24
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi – Adozzjoni

---

1. Fl-20 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi<sup>1</sup>.
2. Fil-laqgħa tagħhom tal-10 ta' Jannar 2025, il-Kunsillieri ĠAI eżaminaw il-proposta ta' hawn fuq għal Deċiżjoni.
3. Il-Kunsilliera ĠAI qablu dwar it-test wara konsultazzjoni informali bil-miktub konklużi fl-14 ta' Jannar 2025.
4. Id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

<sup>1</sup> 17126/24.

5. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
  6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt A f'laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 5045/25.
  7. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mar-regoli applikabbli.
-